MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 501/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Ruben Balzan**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ruben Balzan detentur tal-karta tal-identita` numru 530371(M).

Akkuzat talli:
1. Nhar id-9 ta’ April 2011, gewwa l-Hamrun ghall-habta tal-5.00 ta’ filghaxija minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Tiziana Miljanic, jew gabilha disordni f’mohha u li liema hsara tista’ iggib periklu ta’ debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett

permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghon jew f’wahda mill-dejn tal-offizu dan skont ma ccertifika Dr. A. Micallef MD (Reg. No. 3005) mill-Isptar Mater Dei, Msida, **u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

2. U aktar talli nhar id-9 ta’ April gewwa Santa Venera ghall-habta tas-6.00 ta’ filghaxija bil-hsieb li jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Emanuel Saliba wera dan il-hsieb billi b’atti esterni ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt permezz ta’ arma regolari jew irregolari, strument jew ghodda ohra, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, **u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 64, 214, 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmi Emanuel Saliba u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr A Micallef MD (Med Reg No 3005), **u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

4. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b’ghajjat u glied, **u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

5. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra f’dan il-kodici, jew jekk kienu ipprovakat, ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Tiziana Miljanic u Emanuel Saliba, u kif ukoll tapplika l-provvedimenti ta’ Art. 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 214, 216, 41(1)(a), 64, 221(1), 338(dd) tal-Kodici Kriminali.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qeghda ssib lill-imputat Ruben Balzan hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qeghda tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin kif ukoll timponi garanzija annessa ma' din is-sentenza li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------